MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 1263/2000/1

**Maltacom plc**

**vs**

**Polidano Bros Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Awissu, 2000 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u tlieta u erbghin lira Maltija u sittin centezmu (Lm243.60) dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni ma' hsarat li kkagunat is-socjeta` konvenuta fuq cables tat-telefon fi Triq il-Mosta, San Pawl il-Bahar, fil-21 ta' Mejju, 1999 (skond ma jirrizulta mid-Dok.A);**
**Illi s-socjeta` konvenuta interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza;**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-21 ta' Mejju, 1999, kontra s-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra li ma gietx prezentata risposta pero` dehru d-difensuri tas-socjeta` konvenuta.**

**Semgha x-xhieda ta' Victor Busuttil u Martin Camilleri. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Din il-kawza qed issir ghall-hsarat fil-cables tas-socjeta` attrici li allegatament saru mis-socjeta` konvenuta.**

**2. Jirrizulta li s-socjeta` konvenuta kienet qed taghmel xogholijiet fi Triq il-Mosta, San Pawl il-Bahar. Is-socjeta` attrici kienet ghamlet il-marki dwar fejn kien hemm cables.**

**3. Jirrizulta li l-incident gara peress illi l-cable in kwistjoni kien mikxuf, u hu u miexi bill-JCB laqtu. Innota li l-persuna tas-socjeta` attrici li kien qed jissorvelja x-xogholijiet ma kienx il-hin kollu hemm.**

**4. ix-xhud Martin Camilleri, impjegat tas-socjeta` konvenuta, jikkonferma li huma hu qeghdin isegwu l-cable, dan kien idur fsalt il-barra u wara jerga' idur il-gewwa, peress li kien idur madwar fossa. Ix-xhud spjega li l-marki fil-wicc kienu dritti.**

**5. Fic-cirkostanzi t-Tribunal hu tal-fehma li kien hemm nuqqas doppju da parti tas-socjeta` attrici f'dan il-kaz, kemm ghaliex kien hemm persuna li suppost li kien qed jissorvelja li ma kienx hemm il-hin kollu, kif ukoll minhabba li l-marki dritti zgwidaw lill-haddiema tas-socjeta` konvenuta. Fic-cirkostanzi it-Tribunal ma jsib ebda tort fis-socjeta` konvenuta ghad-danni li garrbet is-socjeta` attrici.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal peress illi ghall-qtugh imsemmi m'ghandiex tigi ritenuta responsabbli s-socjeta` konvenuta, qed jichad t-talba tas-socjeta` attrici.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------